MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Rikors Numru. 2/2007

**Rosalie DARMANIN**

**vs**

**IL-PRIM MINISTRU, il-Ministru għall-Ġustizzja u Intern, is-Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ministru għas-Sigurta' Soċjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Jannar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbet li din il-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-Istat Malti fil-konfront tagħha u ta' persuni f'sitwazzjoni simili, liema aġir għadu in vigore sal-lum, jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, in partikolari tal-artikoli 32 u 45(3) tal-Kostituzzjoni, tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll tal-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; talbet ukoll li din il-Qorti ssib li l-Istat Malti m'huwiex

joffrilha u lil persuni oħra li jinsabu fl-istess qagħda tagħha rimedju nazzjonali effettiv u dan bi ksur tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; talbet ukoll li din il-Qorti tordna li r-rikorrenti tingħata kumpens għad-danni morali li ġarrbet minħabba l-aġir imsemmi u biex il-Qorti tagħti kwalunkwe provvediment li tħoss meħtieġ;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 2007, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għat-22 ta' Jannar, 2007;

Rat it-Tweġiba "preliminari" mressqa mill-intimati fit-22 ta' Jannar, 2007, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li m'humiex il-kontradittturi leġittimi għaliex ħadd minnhom ma jwieġeb għall-mod kif il-Qrati jaqtgħu l-kawżi fi kwestjonijiet bħal tar-rikorrenti; qalu wkoll li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku li tressaq il-kawża; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali billi r-rikorrenti naqset li tieħu rimedji ordinarji qabel ma fetħet din il-kawża, u għalhekk ukoll it-talba tagħha tressqet qabel waqtha; laqgħu ukoll billi talbu s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna li l-interessi tagħha jistgħu jitlaqtu b'din il-kawża; u, fil-mertu, billi jgħidu li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi ma seħħ l-ebda ksur ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Jannar, 2007;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fit-8 ta' Frar, 2007[1], bil-ħsieb li tiċċara xi punti proċedurali tal-kawża tagħha u kif ukoll dwar in-natura u l-parametri tal-ilment tagħha;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2007, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra għandha ssir it-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet li jinsabu fit-tielet u r-raba' paragrafi tat-Tweġiba tal-intimati, jiġifieri dwar jekk ir-rikorrenti għandhiex l-interess ġuridiku li tressaq din il-kawża, u dwar jekk din il-Qorti għandhiex tuża s-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-kawża;

[1] Paġġ. 49-51 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Marzu, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi bl-azzjoni tagħha, r-rikorrenti qegħda tilmenta li l-Istat Malti naqas li jħares l-interessi tagħha billi naqas li jilleġisla dwar persuni li jgħixu flimkien ’il barra mir-rabta taż-żwieġ. Hija tgħid li dan in-nuqqas jissarraf fi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha għar-rispett għall-ħajja privata u familjari tagħha skond l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta’ r-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”), u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”). Minbarra dan, hija żżid tgħid li l-imsemmi nuqqas iwassal biex, f’għajnejn il-liġi, sseħħ diskriminazzjoni bejn koppji miżżewġa u koppji li jgħixu flimkien barra ż-żwieġ, u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, qegħda titlob li tingħata wkoll kumpens morali għall-ħsara li ġarrbet minħabba f’hekk, minbarra “kwalunkwe provvediment” ieħor li jista’ jkun meħtieġ;

Illi l-intimati jilqgħu għal din l-azzjoni b’għadd ta’ eċċezzjonijiet preliminari. Din is-sentenza qegħda tingħata dwar tnejn minnhom: jiġifieri, (a) jekk ir-rikorrenti għandhiex l-interess ġuridiku li tressaq il-kawża fuq il-bażi magħżula minnha, u (b) jekk din il-Qorti għandhiex tismagħha;

Illi l-intimati jsejsu l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’ interess ġuridiku fir-rikorrenti billi jgħidu li hija tibni l-każ tagħha kollu fuq il-mod kif il-Qrati qatgħu kawżi li fihom il-partijiet kienu konkubini, u għalhekk, iżidu jgħidu, ladarba r-

rikorrenti ma kienet parti fl-ebda każ minn dawk, allura l-interess tagħha f'din il-kawża m'huwiex attwali. Min-naħa l-oħra, huma jsejsu l-eċċezzjoni tagħhom li l-Qorti m'għandhiex tuża s-setgħat kostituzzjonali tagħha billi jgħidu li r-rikorrenti lanqas biss fetħet proċeduri ordinarji biex tikseb il-jeddijiet li tgħid li għandha, imma qabdet u fetħet din il-kawża ta' proċedura speċjali mill-ewwel;

Illi qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ l-imsemmija eċċezzjonijiet, jidher xieraq li jintwera l-qafas fattwali taċ-ċirkostanzi ta' ħajjet ir-rikorrenti. Għalkemm ma tressqu l-ebda provi min-naħa tagħha s'issa f'dan ir-rigward, fir-rikors promotorju tagħha hija tindika sensiela ta' ġrajjiet ta' ħajjitha li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-każ. Jingħad li r-rikorrenti kienet iżżewġet iżda ż-żwieġ ma rnexxiex, tant li hi u żewġha nfirdu bil-Qorti. Aktar 'il quddiem, ir-rikorrenti bdiet proċeduri fit-Tribunal Ekkleżjastiku għad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-istess żwieġ, liema proċeduri wasslu għal deċiżjoni li sabet li l-istess żwieġ kien null. Sadattant, ir-rikorrenti kienet bdiet relazzjoni ma' raġel li kienet ilha tafu sa minn qabel ma żżewġet, u li sadattant huwa wkoll kien iżżewweġ, iżda ż-żwieġ tiegħu ukoll ma kienx irnexxa. Ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u dan ir-raġel ħadet xejra "serja u intima" tant li huma bdew jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed. Matul dak iż-żmien, ir-rikorrenti ħarġet tqila, imma korriet. Dik ir-relazzjoni damet għal xi snin, iżda ntemmet wara li nqalgħu problemi bejn ir-rikorrenti u r-raġel, li spiċċa telaq mid-dar. Ir-rikorrenti baqgħet tgħix fid-dar li fiha għexet tul ir-relazzjoni. Fl-2004, kontra r-rikorrenti nfetħu żewġ kawżi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Waħda nfetħet minn sid id-dar[2] u l-oħra mir-raġel[3] li miegħu kienet għamlet żmien tgħix. F'Jannar ta' din is-sena, ir-rikorrenti fetħet din il-kawża;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li jonqos l-interess ġuridiku fir-rikorrenti biex tressaq din il-kawża**, jidher sewwa li jingħad li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess

[2] Ċitazz. Nru. 821/04AF
[3] Ċitazz. Nru. 850/04AF

ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik. Huwa biss f'kawża maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni – l-hekk imsejħa "*actio popularis*" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' liġijiet – li m'huwiex meħtieġ li l-parti attriċi turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawża bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess f'kawża "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawżi taħt din il-proċedura speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali [4];

Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[5], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[6];

Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[7];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[8], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[9]. Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[10] ;

Illi jiżdied jingħad ukoll li għal dak li jirrigwarda l-aspett ta' attwalita' tal-interess li biex azzjoni tista' sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss, trid tkun kapaċi li tipproduċi

---

[4] P.A. (Kost.) RCP **19.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta et***
[5] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[6] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[7] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[8] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[9] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[10] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)

riżultat vantaġġuż jew utli għal min jipproponiha u li dak ir-riżultat jista' jiġi utilizzat[11];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha[12], għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[13];

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha[14], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għallanqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[15];

Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[16]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem[17];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti

---

[11] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bond vs Manġion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**) u App.Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)

[12] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Tarċisio Barbara vs Emanuel Azzopardi et***

[13] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)

[14] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

[15] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)

[16] Ara PA. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257**); u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)

[17] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)

għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[18], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[19];

Illi, minħabba li kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diġà' nkiser jew qiegħed jinkiser b'xi għamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-biżgħa tal-ksur ta' dak il-jedd, joħroġ li f'każ bħal dan l-element tal-interess ġuridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita'. Dan m'għandux ikun ta' xkiel għall-applikazzjoni tal-prinċipji fuq imsemmija, għaliex l-interess ġuridiku mistenni xorta waħda jirriżulta fejn, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat ikun wieħed rejali u imminenti[20];

Illi fil-każ tal-lum, l-intimati jisħqu li r-rikorrenti m'għandhiex l-interess ġuridiku li tressaq din il-kawża u jsemmu li hija tistrieħ fuq deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin li fihom ma kinitx parti. Għalkemm dan il-fatt jirriżulta minn qari tar-rikors promotur, il-Qorti ssib li b'daqshekk biss ma joħroġx li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku li tressaq l-ilmenti tagħha tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali li ssemmi. Hija x'aktarx ħtija tal-formulazzjoni sfortunata tar-rikors promotur tagħha li setgħet inxteħtet attenzjoni żejda dwar il-mod kif il-Qrati Maltin iħarsu lejn ir-rapport bejn il-konkubini. Dan m'huwiex ħlief wieħed mill-mottivi għaliex ir-rikorrenti qegħda tressaq l-ilment tagħha. Iżda qari xieraq tal-ilment tar-rikorrenti juri li l-qofol tal-azzjoni tagħha jikkonsisti fil-fatt li l-liġi f'Malta ma tagħtix għarfien lill-qagħda tal-konkubini u li, b'hekk, qegħda ssir diskriminazzjoni bejnhom u persuni li jgħixu flimkien fir-rabta taż-żwieġ;

Illi dan il-għan ewlieni u apparenti tal-azzjoni tar-rikorrenti huwa biżżejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex inissel l-interess ġuridiku meħtieġ biex din il-kawża setgħat titressaq. Tali interess ma jonqosx lanqas minħabba l-fatt li r-relazzjoni ta' konkubinat li r-rikorrenti tgħid li kienet tinsab fiha waslet biex intemmet. Dan għaliex huwa sewwasew minħabba li dik ir-relazzjoni ntemmet li issa qegħda ġġarrab il-

---

[18] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)

[19] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)

[20] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph magħruf bħala Nadia Ħili vs L-Avukat Ġenerali et***

preġudizzju li qegħda tilmenta minnu u li, skond hi, wassalha biex tiftaħ din il-kawża. Għalhekk, il-Qorti ma ssibx mistħoqqa lanqas is-sottomissjoni magħmula mill-għaref difensur tal-intimati, fis-sens li l-preġudizzju tar-rikorrenti għadu wieħed potenzjali u mhux attwali;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, l-għaref difensur tar-rikorrenti indikat lil din il-Qorti li dan l-interess tar-rikorrenti tnissel ukoll mill-fatt li kienet il-Qorti nnifisha – f'waħda mill-kawżi li nfetħu kontra r-rikorrenti u li għadhom qegħdin jinstemgħu – li ordnatilha biex tressaq kawża kostituzzjonali fi żmien lilha prefiss. Din il-Qorti ma sabet l-ebda ordni bħal dan meta rat l-atti tal-imsemmija kawżi. Għall-kuntrarju, kulma jirriżulta li ġara hu li, dak inhar tas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2007[21], l-avukat tar-rikorrenti talab li dik il-Qorti biex tissoprasjedi fid-dawl tal-fatt li, dak inhar stess, ir-rikorrenti kienet fetħet din il-kawża. Il-Qorti ma tistax ma turix tħassib dwar atteġġament bħal dan minn avukat tal-parti li, bħala uffiċjal tal-Qorti, għandu d-dmir li jkun lejali f'kull waqt u jgħid is-sewwa. Minbarra dan, il-kejl ta' jekk ir-rikorrenti għandhiex interess ġuridiku biex tiftaħ u żżomm miexja din il-kawża ma għandux, ġeneralment, jiddependi minn jekk il-kawża saritx għaliex Qorti tkun ipprefiġġiet żmien lil parti biex, jekk jidhrilha, tiddediċi l-pretensjonijiet tagħha permezz ta' kawża;

Illi, minkejja dan, imma għar-raġunijiet fuq imfissrin, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' din l-eċċezzjoni;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha kostituzzjonali**, l-intimati jgħidu li qegħdin jistiednu lill-Qorti li tagħmel hekk għaliex ir-rikorrenti ma ħadet l-ebda proċedura ġudizzjarja biex tirrivendika l-jeddijiet li hija temmen li kellha bis-saħħa tar-relazzjoni li kellha ma' ħaddieħor. Iżidu jgħidu li r-rimedju "ordinarju" kien disponibbli għar-rikorrenti u l-fatt li fis-sistema Malti ma teżistix ir-regola tal-preċedent ġudizzjarju għandu jservi ta' garanzija li dak ir-rimedju ordinarju jista' jagħti lir-rikorrenti r-riżultat li hija tixtieq;

---

[21] Verbal tas-smigħ fil-kawża Nru. 821/04AF (li tinsab imħollija għas-17.4.2007)

Illi ladarba r-rikorrenti qegħda tibni l-ilmenti tagħha kemm dwar ksur ta’ jedd fundamentali mħares fil-Kostituzzjoni u kif ukoll ta’ jedd imħares fil-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni taħt eżami hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[22];

Illi l-eżistenza ta’ rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta’ allegat ksur ta’ jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta’ fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista’ twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha “jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel” minħabba l-eżistenza ta’ rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta’ fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista’ tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma’ l-ilment imressaq quddiemha[23]. F’każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f’każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f’dan ir-rigward trid titwettaq b’mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim “liberali” tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi ’l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta’ jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b’għaqal f’dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta’ indoli kostituzzjonali

[22] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)
[23] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita’ tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[24];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[25]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[26];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[27]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[28];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb

---

[24] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[25] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[26] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[27] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[28] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[29]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[30]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[31];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li

---

[29] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[30] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[31] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[32]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[33];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa. Il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwestjoni legali mqanqla f'din il-kawża – jiġifieri, n-nuqqas ta' għarfien legali għall-effetti li jitnisslu minn relazzjonijiet konkubinali, u l-allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali minħabba tali nuqqas – ma jistgħu jkunu mistħarrġa quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Ir-rimedju li r-rikorrenti tista' tikseb li kieku dehrilha li kellha tressaq kawża għal kumpens skond il-liġi ordinarja ma kienx sejjer, fl-aħjar ipoteżi għar-rikorrenti, jindirizza għal kollox l-ilment tagħha ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Fil-fehma tal-Qorti, uħud mill-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur kienu tabilfors jeħtieġu li wieħed idur lejn din il-Qorti għall-istħarriġ u d-definizzjoni tagħhom;

Illi l-intimati jissottomettu wkoll (b'rabta mal-argument ewlieni tagħhom taħt din l-eċċezzjoni) li r-rikorrenti setgħet dejjem tqajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" fil-proċeduri "ordinarji" li, skond huma, messha bdiet l-ewwel, u b'hekk tkun tista ssir ir-Riferenza Kostituzzjonali. Il-Qorti ma ssibx li dan l-argument hu ta' min joqgħod fuqu. Il-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandha bl-ebda mod titqies li hija subordinata għal dik maħsuba fl-artikolu 46(3) u 4(3) rispettivament. Iż-żewġ proċeduri huma paralleli għal xulxin[34] u jibqa' dejjem

---

[32] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

[33] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

[34] Kost. **21.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.95**, a fol. 109-110)

prinċipju ewlieni li kull persuna li tħoss li ġarrbet, qegħda ġġarrab jew sejra ġġarrab ksur ta’ jedd fundamentali għandha l-jedd li tirrikorri hi direttament quddiem din il-Qorti għar-rimedju u mhux toqgħod tiddependi minn riferenza li l-Qorti stess tista’ tiddeċiedi li tagħmel dwar ilment bħal dak[35];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, bi tħaddim tad-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-ogħla liġi tal-pajjiż, għandha twettaq is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha u tgħaddi biex tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu tagħhom. Hija qegħda, għalhekk, twarrab l-istedina tal-intimati biex tagħżel li ma twettaqx dawn is-setgħat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni proċedurali** tal-intimati u tiddikjara li r-rikorrenti għandha l-interess ġuridiku li tressaq l-azzjoni tagħha; u

**Tiċħad ukoll ir-raba’ eċċezzjoni proċedurali** billi tiddikjara li hija għandha u sejra twettaq is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha biex tisma’ u tistħarreġ fil-mertu l-ilmenti tar-rikorrenti; u

Għalhekk, qegħda tħalli l-kawża għall-provi tar-rikorrenti għas-smigħ ta’ nhar it-Tlieta, 12 ta’ Ġunju, 2007 tissejjaħ f’nofsinhar.

L-**ispejjeż ta’ din id-deċiżjoni** għandhom jiġu determinati mas-sentenza finali.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

[35] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**, a fol. 247-257)

---------------------------------TMIEM---------------------------------